A.L. 285 ta' l-2008

ATT DWAR L-ISPORTS
(KAP. 455)

Ordni ta' l-2008 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Nru. 14)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Att dwar l-I*sports*, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2008 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Nru. 14).

Proprjetà assenjata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan assenjata għall-finijiet tat-tgawdija, pussess, użu u amministrazzjoni tad-drittijiet u obbligazzjonijiet li jappartjenu għal dik il-proprjetà assenjata skond l-artiklu 16 ta' l-Att dwar l-I*sports*.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà assenjata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita u tkun vestita fil-Kunsill Malti għall-I*sport* kif provdut fl-imsemmi artiklu b'seħħ mill-1 ta' Ottubru 2008.

Deskrizzoni ta' proprjeta` assenjata.


4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Kumpless ta' Bini f' Dawret il-Gżejjer, Buġibba limiti ta' San Pawl il-Baħar, li jikkonsisti fi *Club House* bla numru, ta' kejl ta' madwar 903 metru kwadru, li tmiss mil-Lbiċ ma' Dawret il-Gżejjer u mill-irjiħat l-oħra ma' proprjetà tal-Gvern kif murija delineata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 29_2004.

(2) Biċċa art (*Pitch* tal-Boċċi) aċċessibbli minn Dawret il-Gżejjer, Buġibba limiti ta' San Pawl il-Baħar, ta' madwar 196 metru kwadru, li tmiss mill-irjiħat kollha ma' proprjetà tal-Gvern, kif murija delineata bl-ikħal fuq il-pjanta P.D. 29_2004.

(3) Biċċa art (*Court tal-Volleyball*) aċċessibbli minn Dawret il-Gżejjer, Buġibba limiti ta' San Pawl il-Baħar, ta' madwar 363 metru kwadru, li tmiss min-Nofs in-Nhar ma' Dawret il-Gżejjer u mill-irjiħat l-oħra ma' proprjetà tal-Gvern, kif murija delineata bl-aħdar fuq il-pjanta P.D. 29_2004.

B 3802


SITES AND STRUCTURES
DAWRET IL-GZEJJER
BUGIBBA
SAN PAWL IL-BAHAR
BOCCI PITCH
VOLLEYBALL COURT
CLUB HOUSE
DAWRET IL-GZEJJER
GOVERNMENT PROPERTY DIVISION
ESTATE MANAGEMENT DEPARTMENT
LOCALITY: SAN PAWL IL-BAHAR